MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 810/2011

**Joseph Camilleri (ID 217158M)**

**vs**

**Jesmond Pulis (ID 105965M)**
**Lorry Theuma (ID 667658M)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ l-Attur qed jitlob minghand il-Konvenuti l-hlas ta' tlett elef Ewro (€3,000.00c) bilanc minn somma aktar dwar il-bejgh tat-trakk Volvo Car Transporter nru EBP 649 – dana skond skrittura datata 18 ta' Jannar 2011, Dok JC1.

**Ra** li l-Konvenut **Lawrence Theuma** fir-RISPOSTA tieghu qal li n-numru tal-vettura ndikat fl-AVVIZ hu zbaljat u hu qatt ma rcieva xi trakk minghand l-Attur (**Jigi osservat** li b'degriet tas-26 ta' Marzu 2012 it-TRIBUNAL ordna korrezzjoni dwar in-numru tal-vettura).

Il-Konvenut **Jesmond Pulis** ressaq RISPOSTA fis-sens li t-Talba Attrici ghandha tigi michuda ghax:-

i) Il-kondizzjonijiet tad-Dok JC1 ma gewx osservati kollha;
ii) Minhabba dan hu nkorra spejjes akbar mis-somma mitluba;

II PROVI

1. Hawnhekk qed jingiebu biss xi siltiet mill-provi izda wiehed irid iqis l-intier ta' kulma hemm fil-process.

2. L-**Attur** xehed b'affidavit li l-Konvenuti tressqulu u raw it-trakk f'Haz-Zebbug. Il-prezz ta' €19,000 rawh gholi u nizel ghal €14,000. Fl-ufficcju ta' Pulis gie firmat id-Dok JC1 u thallas €11,000. Gie miftiehem li l-ewwel vjagg isir flimkien bhala prova u sar it-trasferiment tat-trakk. Il-vjagg bi prova sar ma Floyd Pulis, iben Jesmond Pulis u thallas tas-servizz provdut. Sar anke t-tieni vjagg ma Matthew Pulis, iben iehor ta' Jesmond. Dwar hlas tal-bilanc kienu jghidulu li ma kienux f'pozizzjoni finanzjarja li jhallsuh dak iz-zmien. It-trakk ma kellu ebda problema mad-Dwana u mal-Pulizija u kienu jiffunzjonaw sew it-Trakk u t-*trailer*.

3. Meta baqa ma thallasx il-bilanc, waqaf jakkumpanjhom fil-vjagg. Kien tahom ukoll riga li tikkalula l-gholi tat-trakk tiswa GBP250.00. Interpella ghall-hlas bla success u gie mressaq l-AVVIZ.

4. In kontro-ezami nsista li l-kundizzjonijiet tad-Dok JC1 gew soddisfatti kollha. It-trakk bieghu liz-zewg konvenuti. Dejjem tkellem mat-tnejn u rawh it-tnejn.

5. **Brian Farrugia** ghal Transpost Malta xehed (12.12.2012) u qal li l-Volvo tqieghed fuq Jesmond Pulis ID 105965M (Dok BF) fil-15.04.2011 u kellu licenzja valida sal-31.05.2012 (ara *fol* 62) u gie garaxxjat f'Novembru 2011.

6. Fl-affidavit tieghu **Jesmond Pace** xpjega kif hu u l-konvenut l-iehor ftehmu li jissiehbu f'negozju ta' garr ta' vetturi mill-Ingilterra lejn Malta u kif waslu biex irrangaw mal-Attur. Qal li lill-Attur qallu biex jekk il-Volvo kellu xi difett jghidlu u kif ftehmu dwar il-prezz. L-Attur qalilhom li kellu *yard* go Surrey fejn jinzammu l-vetturi sa ma jigu trasportati. Meta klijent Zebbugi ried igib 4 karozzi mill-Ingilterra u tah l-indirizz tal-*yard* cempilu lura raghbjat ghax qalulu li l-Attur ma kienx ghadu jahdem hemm. B'hekk hu tilef lill-klijent Zebbugi.

7. Zied li nkorra spejjes biex isib *yard* ohra. Hawn l-attur ghamel zewg vjaggi u meta qabbdu ghat-tielet vjagg, lejliet cempel u ppretenda zieda fil-hlas. Inkariga lil Christopher Caruana u dan, meta wasal lura Malta, ndikalu certi difetti. L-istess gara meta qabbad bhala xufier lil Kevin McManus. Darba wehel multa ta' €1,500.00c.

8. **<u>Lawrence Theuma</u>** qal li kien ftiehem mal-konvenut l-iehor li jaghmlu negozju flimkien u effettivament iffirma d-Dok JC1 izda qabel ma bdew isiru l-vjaggi hu xolja l-ftehim li kellu ma Jesmond Pulis tant li dan tah lura l-flus li kien hallas lill-Attur. Ma jafx x'gara wara mal-Attur.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Jirrizulta li bejn il-kontendenti sar in-negozju ta' xiri ta' vettura, liema negozju sar b'kitba, Dok JC1 *a fol* 2 li hi <u>firmata</u> mit-tliet kontendenti. Dan sar wara li l-Konvenuti ftehmu shubija bejniethom li ghaliha l-Attur kien estraneju. Quddiemu, l-attur kellu liz-<u>zewg</u> Konvenuti u l-obbligi li johorgu mid-Dok JC1 baqghu, f'ghajnejn l-Attur, dak li kienu minkejja li wara dik is-shubija spiccat. Dan ifisser li l-Konvenut Theuma ma helisx mill-obligi tieghu lejn l-Attur.

2. Hawn ghandna xiri ta' vettura wzata, kif jindika l-istess prezz t'akkwist u jirrizulta li din hadmet sew meta l-attur ha sehem fil-vjaggi tal-bidu bejn l-Ingilterra u Malta. Xejn ma zamm lill-konvenuti milli, qabel ix-xiri, jqabbdu bniedem tekniku u jispezzjona l-vettura. Ma jirrizultax li l-Attur heba xi difett li kien jaf bih qabel sar il-bejgh.

3. Hu sintomatiku li (a) l-Attur qal li l-Konvenuti semmewlu diffikultajiet finanzjarji biex ituh il-bilanc u f'dan ma tmeriex u (b) issemmew is-sewwieqa Christopher Caruana u Kevin McManus bhala li rriskontraw difetti u xi problemi ohra, izda dawn ma tressqux jixhdu u li jafu l-konvenuti hu x'qalulhom dawn.

4. Meta jqis kollox, it-TRIBUNAL hu soddisfatt li, meqjus il-livell ta' prova *in civilbus* l-ATTUR ipprova l-kaz tieghu fil-konfront taz-zewg Konvenuti.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL wara li qies dak hawn fuq imfisser u wara li sama s-sottomissjonijiet tad-difensuri (1) **<u>jilqa</u>** t-Talba Attrici kif formulata (2) **<u>jichad</u>** l-eccezzjonijiet kollha taz-zewg Konvenuti (3) **<u>jikkundanna</u>** lill-Konvenuti biex ihallsu, *in solidum* bejniethom, lill-Attur il-*quantum* ta' tlett elef Ewro (€3,000.00c) b'dana li l-hlas isir sa tletin jum mil-lum u jekk jonqsu jibda ghaddej l-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv, u fic-cirkostanzi (4) **<u>jordna</u>** li l-kawza tibqa bla taxxa bejn il-kontendenti b'dana li jekk ma jithallasx il-*quantum* fi zmien tletin gurnata mill-lum anke l-ispejjes tal-kawza jkunu a karigu tal-Kovenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------